# Il-Museum tal-Furjana jiċċelebra l-ewwel Ċentinarju tiegħu

*Minn Tonio Agius Superjur*



*Is-Superjur Ewġenju Borg li serva għal 6 snin bħala superjur tal-Qasam*

Bil-għajnuna ta' Alla, din is-sena l-Museum sezzjoni Maskili tal-Furjana qed jiċċelebra l-mitt sena mit-twaqqif tiegħu. Ta' dan, radd il-ħajr lis-Sinjur Alla għax kif jgħallimna l-Fundatur tagħna San Ġorġ Preca: "Kollox minnu, kollox b'ħiltu u kollox għalih. Lil Alla waħdu unur u glorja għal dejjem ta' dejjem. Ammen".

Ikun tajjeb li f'okkażjoni bħal din nagħtu ħarsa fil-qasir lejn il-ġrajja li għadda minnha l-Qasam tagħna. Din tgħinna nifhmu aktar l-għeruq tagħna għax aħna riżultat tal-ġrajja mgħoddija tagħna. Naturalment minħabba li l-ispazju huwa limitat ikollna niffukaw fuq l-aktar ġrajjiet importanti fil-ħajja ta' dan il-Qasam.

Il-bidu kien sempliċi ħafna. Il-Qaddej t'Alla, is-Superjur Ewġenju Borg, mimli bl-entużjażmu biex dak li kien qed jirċievi minn ħabibu Dun Ġorġ Preca ifittex jaqsmu mal-oħrajn, mar għand l-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna, Dun Franġisk Mallia u talbu permess biex tinfetaħ dar għat-tagħlim tad-duttrina fil-Parroċċa. Il-post li nstab kien numru 3, Strada Nuova, illum Triq Antonio Agius. Dun Ġwann Patist Zarb kien ta ħafna oġġetti ta' bżonn, bħal bankijiet, inkwadri u twavel li bihom kien sar l-artal minn mastrudaxxa Bormliż.

L-ewwel superjur kien l-istess Ewġenju Borg li kien ukoll l-ewwel superjur ġenerali tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM). Tajjeb ngħidu li f'Marzu tal-1997 infetħet il-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Kien bniedem ta' ħajja qaddisa. Kull min jafu jistqarr li kien bniedem ta' Alla. Bata ħafna biex ixerred bl-aħjar mod li seta' l-Kelma ta' Alla minkejja l-ħafna sfidi li ltaqa' magħhom. Min jixtieq aktar tagħrif jew jaqla' xi grazzja bl-interċessjoni tiegħu huwa mistieden ikellem lil xi membru tal-Museum.

Kien fl-1915 li d-duttrina kollha tal-parroċċa għas-subien ġiet fdata lill-Museum. Din kienet l-ewwel sena li fiha b'ferħ u entużjażmu ġew imħejjija t-tfal għall-Ewwel Tqarbina tagħhom.

Minħabba diversi raġunijiet, id-dar tad-duttrina kellha tinbidel diversi drabi. Id-dar preżenti kienet inkisbet mis-Superjur Francesco Schembri. Kienet ix-xewqa tiegħu li l-Qasam ikun f'post ċentrali fil-Furjana ħalli jintlaħaq aħjar minn kulħadd. Il-Providenza pprovdietlu parti mill-post li għandna llum nhar it-28 ta' Settembru, 1938. Il-post inkiseb b'mod sħiħ matul is-snin u bl-għajnuna ta' diversi benefatturi. Il-ftuħ uffiċjali tad-dar preżenti kien sar fis-6 ta' Jannar, 1939.

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija ġew evakwati tliet familji fil-Qasam. L-attività Museumina ġiet limitata għas-sular ta' fuq. Wara l-inkwiet u t-taqlib tal-gwerra, fi żmien is-Superjur Pupull Galea nħaseb biex il-Qasam ikun ikkonsagrat lill-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija. Il-konsagrazzjoni kienet saret minn Mons. Professur Arturo Bonnici nhar il-Festa ta' Kristu Re, fis-26 ta' Ottubru, 1947.

Tajjeb insemmu wkoll li f'Ġunju tal-1954, għall-festa tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej ġiet imżanżna bandalora li l-flus għaliha kienu nġabru mill-benefattur Toninu Fenech, missier il-Monsinjur Salvinu, li l-Mulej sejjaħlu fi ħdanu f'Marzu li għadda. Dan serva bħala Arċipriet għal numru ta' snin fil-parroċċa tagħna.

F'Marzu tal-1967 beda x-xogħol ta' bini



ta' klassijiet ġodda biex jintużaw għall-klassijiet il-kbar. Tlestew fl-aħħar ta' Ġunju u ġew inawgurati għall-okkażjoni tal-Ewwel Tqarbina fl-ewwel Ħadd ta' Lulju.

F'Jannar tal-1970 beda x-xogħol biex jiġu rranġati l-kmamar tal-kantina biex it-tfal ikollhom post fejn jistgħu jilagħbu u jiffurmaw ruħhom f'ambjent informali. Il-*gamesroom* kienet inawgurata waqt laqgħa apposta nhar is-26 ta' April, 1970 u mbierka minn Dun Pawl Camilleri li dik il-ħabta kien Viċi Arċipriet.



*L-Ex superjur Pawlu Piscopo isellem lill-Mons. Tommaso Capoto fil-qasam tal-Furjana*

Fis-7 ta' Marzu tal-1991 ġie mogħti lilna b'kera l-mezzanin nru 30 li ġa kien parti mill-Museum imma kien mikri lill-familja Schembri, li marru joqogħdu f'post ieħor. Sa dan iż-żmien sar xogħol fl-istruttura tiegħu, saret sala kbira taħt il-Kappella, librerija għat-tfal bil-mezzi moderni, librerija oħra għas-soċji u *workshop*. Is-sala ġiet inawgurata fit-2 ta' Ġunju, 1996 f'Jum l-Ewwel Tqarbina waqt il-festin ta' filgħaxija.

Hemm ħafna aktar x'wieħed jgħid. F'mitt sena jiġru diversi affarijiet! Inħossu li l-akbar rigal li rċieva l-Qasam huwa l-grazzja ta' 68 soċju li ħarġu minnu. Magħhom inżidu 24 vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża u numru bla għadd ta' żgħażagħ li ħarġu mħejjija biex jibnu u jindukraw familja nisranija.

Ta' dan ningħaqdu mal-Fundatur tagħna u ngħidu mill-qalb: "Grazzi lil Alla dejjem u kullimkien għax kollox huwa mit-tjubija tiegħu". Kun magħna Mulej fiż-żmien li ġej biex bħal ta' qabilna nkunu ġenerużi fis-servizz tiegħek u nagħtuk l-aħjar għax lilek hekk jixraqlek. Ommna Marija nduru lejk u f'idejk nafdaw il-futur tal-Qasam u l-frott li Ibnek jogħġbu joħroġ minnu.

Dati importanti f'dan iċ-ċentinarju:

- Taħdita dwar is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija u l-vokazzjoni Museumina fid-Dar ġenerali tal-Museum, mument ta' talb ħdejn il-ġisem ta' San Ġorġ Preca u quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Mirakoluża fil-Blata l-Bajda mill-Arċipriet – *il-Ħamis 27 ta' Ottubru, 2011*
- *Open day* tal-Museum b'affarijiet ta' krafts mit-tfal, espożizzjoni tas-sagrament fil-Qasam u għeluq b'quddiesa mis-saċerdoti novelli Dun David Torpiano u Fr Stephen Magro, OFM għall-ġenituri u tfal fis-6.30 p.m. fil-Museum – *is-Sibt 15 t'Ottubru, 2011.*
- Sajda Museumina fil-Floriana mill-4 sal-14 ta' Lulju, 2011.
- Quddiesa ċċelebrata minn Mons Arċisqof Pawl Cremona, op fis-6.30 p.m. fil-Parroċċa li tagħlaq dawn il-festi u tqassim ta' tifkira – *is-Sibt 29 ta' Ottubru, 2011.*

**MOKA CAFFE**

**(Prop. E & T. Tabone)**

***Hamburgers - Pastizzi - Qassatat***
***Meat Pies - Timpani - Cakes***
***Snacks - Pizza***
***Cappuccino & Tea***

**TRIQ SAN ZAKKARIJA, VALLETTA**
**Telephone: 21 237047**